# IL-Huttafa

POBox 498 Valletta CMR 01

Numru 9
Lulju Awwissu 1995

Dan il-magażin stampat fuq karta riċiklata

paġna 3






**Ma' dil-ħarġa tal-Ħuttafa għandkom tirċievu* l-beġġ speċjali tal-Klabb Ħuttaf. Ilbsuha u tkessħu biha!**

*Ħlief dawk li ħaduha diġà fil-Green Week

BirdLife MALTA MOS

Saviour Balzan



*Ballottra*

IL-MAGAŻIN TAL-KLABB ĦUTTAF

editorjal

# Ħello Ħbieb Ħuttaf!





Daħal is-Sajf...!

"Ajma ħej! Dubbien u nemel kullimkien! Kokroċ, wirdien u nemus bil-lejl! Fil-ġnien naħal u żnażan lesti bix-xewka, ġurati b'dik is-sikkina...Uff kemm inkunu aħjar mingħajrhom!"

Kemm nisma' kliem bħal dan, speċjalment issa fis-sħana tas-sajf.Kulħadd donnu jobgħod lill-insetti, jew għax fitti, jew għax ma jħalluniex norqdu, jew għax insibuhom fl-ikel, jew għax.. iwerwruna!

Veru li hawn insetti, bħad-dubbien, li jistgħu jġorru mard. Imma minħabba fihom mhux sewwa li jeħlu l-insetti kollha. Lanqas timmaġinaw kemm huma importanti l-insetti fin-natura! Naraw ftit x'jista' jiġri kieku b'diżgrazzja jmutu f'daqqa l-insetti kollha tad-dinja!

Tafu per eżempju, li l-pjanti jagħmlu FJURI sbieħ u jfuħu mhux għal wiċċna imma biex jiġbdu l-attenzjoni ta' l-insetti? Jiġifieri: No insects = No flowers!

U tafu kemm FROTT u ŻERRIGĦAT jiddependu mid-dakra li jagħmlu l-insetti? Eluf u eluf ta' speċi! Jiġifieri: No insects = No fruits, no vegetables, no nuts!

U x'jiġri jekk il-pjanti ma jagħmlux aktar frott jew żerriegħa? Daqshekk pjanti ġodda. U Ċaw ukoll l-annimali kollha li jieklu l-weraq ta' dawn il-pjanti!



U tafu li l-insetti huma l-IKEL ta' eluf ta' speċi ta' annimali? Fosthom ħafna għasafar, rettili, amfibji u mammiferi. X'jiġrilhom dawn l-annimali kollha jekk ma jsibux insetti x'jieklu? Imutu bil-ġuħ! U jmutu wkoll bil-ġuħ l-annimali kollha li jieklu lil dawn l-annimali . . .

Aħjar ma nkomplix għax nagħmel qalbi sewda!! X'dinja fqira tkun dik jekk jispiċċaw l-insetti. X'dinja bla gost, bla immaġinazzjoni! X'diżastru kbir!

Mela l-insetti flok tisħtuhom, qisu li tbirkuhom! Għax tista' tgħid li MINGĦAJRHOM M'AĦNA XEJN

Victor Falzon
Editur




## X'għandna did-darba?


| | |
|---|---|
| Editorjal | paġ 2 |
| Aħbarijiet Lokali | paġ 3 |
| Mid-dinja | paġ 4 |
| Nittrumbjaw fuq il-MERILL | paġ 5 |
| Ittri | paġ 6 |
| Art Gallery/Poeżija | paġ 7 |
| Attività | paġ 8 |
| Sib il-Fjuri | paġ 8 |
| Agħti l-Kulur | paġ 9 |
| Naturalment | paġ 9 |
| Gruppi Lokali | paġ 9 |
| Niltaqgħu ma' Charles Gauci | paġ 10 |
| Paġna messaġġ | paġ 12 |




Granċ tax-Xatt

← *Faċċata ta' Quddiem*

**Ballottra**

(*Mustela nivalis* - Weasel)

Li ma kienx għax tidher fuq il-munita tal-1ċ, ħafna nies lanqas jafu biha. U madankollu l-Ballottra hija l-ikbar karnivoru li hawn f'Malta. Niftiehmu, mhijiex xi tigra fid-daqs (xi 25ċm!), imma feroċi daqs waħda! Il-Ballottra hija t-terrur tal-ġrieden u tal-firien, li spiss ikunu ikbar minnha!

**Working Group Klabb Ħuttaf**

Silvana Agius, Isabella Borg, Robert Borg, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon (Ċer), Victor Falzon, Graziella Fenech

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima tal-BirdLife Malta MOS għall-membri ta' taħt l-14-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, talks, video-shows u anke xogħol ambjentali. Jippublika wkoll in-newsletter-magażin **Il-Ħuttafa** kull xahrejn għall-membri, u jipproduċi ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Il-Klabb għandu wkoll numru ta' Gruppi Lokali fil-pajjiż. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm1 fis-sena.

Publikazzjoni BirdLife Malta MOS - Lulju 1995
Materjal mill-magażin Il-Ħuttafa jista' jiġi kkupjat dment li s-sors jissemma'.
Stampat għand Poulton's Print Shop

ahbarijiet

# Birdie Baby Boom!!!

## Il-Monakella kellha !!



Għasfur ġdid għal-lista! Bejtet u biedet il-Monakella (Little Ringed Plover), u fl-aħħar ġimgħa ta' Ġunju faqqsu. Dan ġara fir-riserva ta' Għadira. M'għandniex xi ngħidu, aħna tal-BirdLife tgħidx kemm aħna kburin li għasfur ġdid għażel ir-riserva tagħna fejn irabbi familja.

## Il-Bagħal bit-tfal!!



Bejjet ukoll il-Bagħal tal-Qasab (Reed Warbler). Dan ġara fis-Salina, fejn f'Ġunju faqqsu 4 flieles. Par ieħor bejtu fir-riserva tas-Simar, u faqqsu wkoll. U mill-ġdid aħna tal-BirdLife fis-seba' sema! Din hija t-tieni darba li dan l-għasfur qatt bejjet Malta - l-ewwel darba kienet fl-1977.

## Ir-Rożinjol ukoll!!



Ir-Rożinjol (nightingale) huwa għasfur ieħor li dis-sena bied l-ewwel darba Malta. Dan ġara fil-Buskett. Imma l-bejta tħarbtet mill-ġrieden jew mis-serp. Il-par reġgħu bejtu, u reġgħu biedu, u l-bejta reġgħet tħarbtet. Hard luck!

## imma...

## L-Ispanjulett ... baqa' f'wiċċu!



Dis-sena reġa' bejjet l-iSpanjulett (kestrel), għasfur li mhix l-ewwel darba li pprova, imma li ħafna drabi jispiċċa ħażin. Mid-dehra dis-sena xejn differenti. Par spanjuletti bnew bejta (f'post li aħjar inżommuh sigriet) u fiha biedu tliet bajdiet. Xi berdwoċers tal-BirdLife kienu jafu bil-bejta u kienu spiss jiċċekkjaw bit-tromba l-progress ta' din il-familja ġdida. Jum fost l-oħrajn il-par spanjuletti... sparixxaw! Ma tantx trid ikollok immaġinazzjoni biex tinduna x'seta' ġralhom!!

Taraw ħbieb, kif jekk nagħtuhom ċans l-għasafar jibdew jafdawna tant li jbejtu f'artna! Kull ma hemm bżonn huwa li nirrispettaw il-bżonnijiet tagħhom. Fost dawn il-bżonnijiet hemm il-bżonn li nħalluhom ħajjin u ħielsa!



## Franza reġġhet ħolmot...



F'Ġunju Franza ħasdet lil kulħadd meta ħabbret li sa Mejju 1996 se tkun għamlet 8 splużżjonijiet nukleari taħt qiegħ l-Oċejan Paċifiku - tgħiduli xejn kemm se jibqa' paċifiku! Staqsi lin-nies li jgħixu fil-gżejjer ta' dawk l-inħawi, li tgħidx imsieken kemm protestu qegħdin jagħmlu (għalxejn) kontra dawn l-esperimenti mostrużi! Dan it-tip ta' bombi qerrieda kienu ftit ftit qed jiżżarmaw, u splużżjonijiet bħal dawn inqatgħu xi snin ilu. U issa Franza reġġhet ħolmot bihom! Istħi, Franza!

## Aħbar tajba għar-rinoċeront

Fil-Yemen, pajjiż Għarbi, l-irġiel għandhom drawwa jġorru fi ħżiemhom sikkina speċjali. S'hemm xejn ħażin. Il-problema hija li l-manku ta' dis-sikkina irid bilfors ikun magħmul mill-qrun tar-rinoċeront! U minħabba f'hekk ir-rinoċeront kważi nqered minn wiċċ id-dinja. Kollu minħabba s-skieken ta' l-irġiel tal-Yemen, li lesti jħallsu ħafna flus għal kull qarn li jiddubbaw!

Imma fl-aħħar jidher li hemm tama. X'uħud bdew jużaw materjal ieħor biex jagħmlu l-manku. Dan il-materjal jissejjaħ "agate" u jinsab fil-blat.

Nittamaw li l-irġiel tal-Yemen jibdlu ftit il-gosti tagħhom, forsi jissalva sehibna r-rinoċeront!



BBC Wildlife Magazine June 95

## SKART SKART SKART SKART SKART SKART

- **F'Lulju suppost bdejna nifirdu l-iskart li narmu. Ghaliex dan l-għaġeb kollu fuq l-iskart?**
- Ħafna jaħsbu li l-iskart huwa xi ħaġa li tarmih u daqshekk. Lanqas xejn!
- **Tafu li f'sena kull familja tarmi xi tunnellata skart, jiġifieri toqol ta' karozza!**
- Fejn imur dan l-iskart? Jisparixxi fix-xejn? Mela le!!
- **L-iskart jintrema fil-miżbla, jiġifieri munzell kbir ta' skart.**
- Ftit ftit dan il-munzell isir muntanja... u mhix xi muntanja li naraw fil-kartolini!
- **Hija muntanja kerha, tinten, iddaħħan, moqżieża, xalata għall-firien.**
- Tafu li ħafna minn dak l-iskart jista' jiġi riċiklat?
- **Iva, ħafna minnu jista' jsir demel sustanzjuż għall-ħamrija.**
- Imma mhux kollu: xi skart jista' jkun ta' deni għall-ħamrija.
- **Għalhekk l-iskart irid jingħażel, u hawn nidħlu aħna!**
- X'għandna bżonn?
    1. Inkunu ambjentalisti veri
    2. Żewġ dustbins
    3. Niftakru l-ġranet kif jinġabar l-iskart



# il-Merill


M D England

Merill fid-daħla tal-bejta

Fil-gżejjer Maltin ibejtu madwar 16-il speċi ta' għasfur. Minn dawn hemm ħamsa li ssibhom biss qalb l-irdumijiet tal-punent ta' Malta u Għawdex. L-irdumijiet huma x'aktarx l-aktar ambjent importanti għall-ekoloġija ta' pajjiżna: ma' l-irdum jikbru pjanti rari u jgħixu ħlejjaq uniċi li xi wħud minnhom jeżistu hawn biss u mkien ieħor fid-dinja. Fost l-għasafar li semmejna nsibu l-Merill, li kulħadd jafu bħala l-għasfur nazzjonali ta' Malta.

Il-Merill huwa ftit iżgħar minn ħamiema, iżda aktar mislut u żvelt. Ir-raġel għandu lewn ikħal skur mill-isbaħ filwaqt li l-mara u l-frieħ jagħtu fil-kannella. Munqaru huwa tawwali u b'saħħtu: dan iservi biex il-merill jaqbad gremxul, ħanfus, wiżgħat u insetti kbar li jilmaħ mal-blat. Għalkemm għasfur imgerrex ħafna, il-merill spiss jidher jgħarrex għal ħinijiet twal fuq xi ġebla kbira, mnejn jaqbeż għal fuq il-priża.

Il-merill jinsab l-aktar fl-inħawi ta' Ta' Ċenċ f'Għawdex, il-Qammieħ u mill-Imtaħleb 'l isfel f'Malta. Dawn huma biss l-aħjar postijiet, għax lill-merill tista' tgħid issibu kull fejn hemm blat għoli. Minn Frar sa Mejju l-għanja sabiħa tiegħu tinstema' tidwi ma' l-irdumijiet. Dan iż-żmien ikun bil-bejta, li dejjem tkun f'xi xaqq max-xifer u spiss f'għoli kbir. Fiha l-mara tbid 2-6 bajdiet koħol ċar, li jfaqqsu wara ħmistax. Hawnhekk jibda xogħol kbir għall-ġenituri, li jridu jżommu ż-żgħar tagħhom b'żaqqhom mimlija ikel ħalli jikbru malajr. Wara xi 15-il ġurnata oħra, il-frieħ itiru mill-bejta u jitferrxu. Fil-ħarifa u x-xitwa l-merill jidher f'inħawi bħal barrieri, widien u anke s-*swar tal-forti Manoel. Minn studji li għamlet il-BirdLife MOS, instab li l-merill kapaċi jgħix sa 7 snin.


Il-gremxula spiss titfaċċa fil-menu tal-merill!

L-għanja tal-merill minn dejjem saħħret lill-Maltin, tant li l-merill sab postu f'ħafna poeżiji u għanjiet. Imma b'xorti ħażina din l-istess għanja ħajret ħafna nies biex jisirqu kull sena numru kbir ta' frieħ tal-merill mill-bejtiet u jżommuhom kontra l-liġi f'gaġġa għomorhom kollu. L-irdumijiet bdew jitilfu s-seħer tagħhom.

| |
|---|
| Malti: **Merill**<br>Ingliż: **Blue Rock Thrush**<br>Xjentifiku: ***Monticola solitarius*** |

Meta fl-1971 il-merill intgħażel bħala l-għasfur nazzjonali, in-nies bdew juruh ftit iktar rispett, imma xorta baqgħu jinsterqu xi bejtiet. Illum il-qbid tal-frieħ naqas, u jidher li l-merill se nibqgħu ngawduh. Jeħtieġ biss li nibżgħu għall-ambjent ta' l-irdumijiet, l-ambjent fejn il-merill u l-widnet il-baħar jgħixu bieb ma' bieb: ambjent tassew Malti.

**Mark Falzon**

*Minħabba li l-gżira Manoel dalwaqt tinbidel fi proġett ġgantesk għat-turisti, nistgħu ngħidu Ċaw lil xi merill li jista' għadu hemm!! (Editur)

# ittri ittri ittri ittri ittri ittri ittri

## Mr Ven u Mr Vell

**Għażiż Editur**

**Prosit tal-magażin Il-Ħuttafa li bih qiegħed nitgħallem ħafna affarijiet interessantissimi. Bgħattilkom żewġ tpinġijiet ta' (a) VENEWWA u (b)VELLERAN.**

**Il-venewwa (lapwing) hija tajra twila 30ċm li tpassi fil-ħarifa, u tippreferi l-beraħ. Is-sider u t-toppu suwed.**

**Il-velleran (veneral) hu għasfur twil 55ċm li jpassi fir-rebbiegħa u fil-ħarifa, u tisma' Pam! Pam! u taraħ nieżel!**

**David Micallef**
**Għaxaq**

Għażiż David,
Grazzi ta' l-ittra tiegħek u anke tat-tpinġijiet - waħda minnhom għandek issibha fl-Art Gallery ta' dil-ħarġa stess (paġ7). Grazzi wkoll tat-tagħrif li għoġbok taqsam mal-membri. Il-velleran, però, bl-Ingliż jgħidulu Glossy Ibis, mhux Veneral.
Imma li miskin jisparaw fuqu bl-addoċċ kellek raġun biex tbigħ!

L-Editur



Venewwa

## Lenti fuq is-Safra

**Sur Editur,**

**Nibda billi ngħidlek kemm jien kburi li qiegħed fil-Klabb Ħuttaf u prosit tal-magażin interessanti ta' kull xahrejn.**

**Jiena nixtieq inkun naf ftit informazzjoni dwar it-TAJRA SAFRA**

**1) X'tip ta' ikel tiekol?**
**2) Kemm tbid bajd f'sena?**
**3) Fejn tibni l-bejta tagħha?**
**4) F'liema xahar tpassi minn Malta?**
**Grazzi**

**Simon Gauci**
**Żurrieq**

Għażiż Simon,
Grazzi tal-kummenti sbieħ tiegħek. Min-naħa tagħna, aħna kburin li għandna fil-Klabb membri akkaniti bħalek.
Niġu għat-tagħrif li xtaqt:
1) It-tajra safra taqgħalha żaqqha għall-frott u għall-insetti!
2) Normalment 3 sa 4 bajdiet.
3) Tbejjet f'tarf il-friegħi tas-siġar f'ġonna kbar, parkijiet u boskijiet b'siġar broad-leaf (jiġifieri mhux koniferi). F'Malta ma tbejjitx.
4) Narawha l-aktar minn tmiem April sa nofs Mejju
Nispera li dan it-tagħrif huwa biżżejjed għalik. F'Il-Ħuttafa 1 (Marzu-April 1994) kellna paġna sħiħa dedikata lit-tajra safra. Jekk tkun trid kopja ta' din il-paġna (jew xi tagħrif ieħor dwar in-natura), ibgħat għidilna u aħna bil-qalb kollha nippruvaw naqduk.

L-Editur

**Kulħadd irid post viċin il-baħar fis-sajf.**
**Mela nibnu kif ġie ġie...**
**...u nispiċċaw HEKK!!**



**Ibagħtu l-ittri tagħkom lil:**

**Editur Il-Ħuttafa**
**Klabb Ħuttaf**
**Birdlife Malta MOS**
**POBox 498**
**Valletta CMR 01**

# ART GALLERY

**Meta tpinġu, pinġu fuq karta (mhux kartonċina) bajda, tużawx kuluri ħlief iswed u tpinġux kbir. Tinsewx isimkom, l-età tagħkom u x'inhu l-annimal jew pjanta.**



*Sultan il-Gamiem*
*Matthew Bonello (10)*



*Ajkla*
*Leonard Lopez*



*Velleran*
*David Micallef*



*Qerd in-Naħal*
*Alexis Milne (10)*

## poeżija

*L-għasafar xogħlhom huwa*
*Li jittajru mingħajr waqfien;*
*fil-beraħ ikħal ta' bla xkiel*
*donnhom m'għandhom kwiet imkien.*

*Kultant jieqfu għall-mistrieħ,*
*fuq xi siġra ġewwa l-ġnien.*
*Dawn il-ħlejjaq tant ħelwin,*
*li jferrħuna b'dawk l-ilwien.*

*Għandkom tkunu tafu,*
*li l-għasafar sbieħ ħajjin.*
*Ħielsa jittajru, jekk tħalluhom;*
*mhux f'vetrina lkoll mejtin.*

*Louis Vassallo*







> ***Il-Kwiżż bis-Sens***
> ***Mar tajjeb IMMENS***
> ***Kif tistgħu taraw***
> ***Mix-xeni li ħaw'!***

MESS



SMIGH



XAMM



TOGHMA



VISTA



Il-parteċipanti kollha, flimkien mal-Leaders u l-President tal-BirdLife MOS



ritratti ta' Raymond Galea



# SIB IL-FJURI

Ara jirnexxilikx issib f'din it-taħbila l-fjuri kollha msemmijin isfel.

| | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| B | Ċ | A | Q | Ċ | I | B | Ċ | B | Għ | L | B | M | V | Għ | O | V | R |
| T | Għ | J | R | O | L | J | T | Għ | A | S | O | J | B | A | K | S | X |
| R | E | T | Ġ | E | L | D | B | L | B | K | A | P | P | A | R | L | M |
| A | X | F | A | N | A | L | I | F | Għ | A | A | V | L | F | F | O | D |
| Ġ | D | I | R | E | Q | N | O | E | D | Ħ | X | M | I | X | F | G | G |
| Ġ | F | L | Ġ | Ġ | S | V | W | F | A | W | B | U | M | N | U | P | T |
| A | E | M | I | Ċ | E | N | A | R | Ċ | I | S | B | T | I | A | N | D |
| V | F | Għ | R | T | T | D | I | F | U | E | G | Għ | S | G | L | A | O |
| L | V | Ċ | U | F | Ġ | R | O | E | P | L | E | J | J | U | J | T | U |
| A | Għ | M | I | Ċ | A | L | E | I | M | A | Għ | L | Ċ | V | U | S | A |
| S | N | E | L | K | L | Ċ | F | Ċ | E | Ċ | D | X | L | N | B | V | L |
| A | F | T | A | O | U | I | B | G | R | B | X | A | Ħ | X | I | E | Ħ |
| L | F | Ħ | Q | L | D | B | L | L | Q | A | S | Q | A | J | Ż | A | V |
| W | L | E | L | L | U | X | R | Ċ | U | N | A | R | N | Ċ | M | R | D |
| A | N | E | I | B | B | U | D | I | Ċ | Ċ | Għ | A | N | S | A | R | E |
| R | L | D | L | Ċ | E | T | E | L | T | E | T | Ċ | E | Ċ | U | M | X |
| F | D | Ċ | F | Q | Ċ | K | D | T | L | A | A | Z | W | M | E | N | Ċ |
| Q | S | F | P | Ż | R | S | I | L | U | D | R | U | J | F | P | E | T |
| P | Għ | Ż | A | Ż | I | L | G | N | A | X | I | X | A | Ħ | A | V | U |

maħsuba minn **Norman Chetcuti**

ĊFOLLOQ
DUBBIENA
FANALI
FJURDULIS
FRAWLA SALVAĠĠA
ĠARĠIR
GĦANSAR
ĦANNEWJA
ĦARIRA KAĦLA

ĦAXIXA NGLIŻA
KAĦWIELA
KAMMILTA
KAPPAR
LELLUX
LIFTJA
NARĊIS
PLEJJU
QASQAJŻA

QREMPUĊ
SAGĦTAR
SALVJA
SAVINA
SKABJOŻA
TE SQALLI
TFIEF
XAĦXIEĦ



# Agħti l-kulur!




NATURALMENT

## DAK L-IMBIEREK RADJU!

Kulħadd iħobbha l-mużika, u bir-raġun. Kemm tkun differenti l-ħajja mingħajr diski! Mhux ta' b'xejn li r-radjijiet issibhom kważi kullimkien. Saħansitra kultant tiltaqa' ma' xi wħud li r-radju jew il-walkman isir parti minnhom għax iġorruh magħhom kull fejn imorru. Tassew li l-mużika sabiħa, iżda l-esaġerazzjoni kerha.

Għalhekk meta mmorru għal xi mixja fil-kampanja, ir-radju u l-walkman imissna nħalluhom id-dar. L-ewwelnett il-ħoss tad-diski jdejjaq u jġerrex lill-għasafar u ħlejjaq oħrajn. B'hekk tispiċċa biex ma tara xejn. U ngħiduha kif inhi: liema Ħuttafa jew Ħuttafu jieħdu gost meta jmorru fil-kampanja u ma jaraw xejn?




It-tieni: in-natura għandha l-mużika tagħha li jekk nisimgħuha, għandha togħġobna daqs dik tal-bniedem: it-tħaxwix tal-weraq, it-tvenvin tar-riħ, il-mewġ jaħbat mal-blat, iż-żanżin tan-naħal, l-għana u t-tpespis ta' l-għasafar - lista twila twila li ma tispiċċa qatt.

X'tagħmbih ir-radju fil-kampanja meta tkun imdawwar bi ħsejjes tant ħelwin?!

**Jason Aloisio**

# GRUPPI LOKALI

**MOSTA**
Ko-ordinaturi: Mark Gauci u Carmen Vella
Leaders oħrajn: Justin Vassallo

**NAXXAR**
Ko-ordinatur: Mark Falzon
Leaders oħrajn: Jason Aloisio, Caldon Mercieca, Rosierre Mercieca, Konrad Pizzuto

**RABAT-ATTARD**
Ko-ordinaturi: Audrey Chetcuti u Norman Chetcuti
Leaders oħrajn: Silvana Agius, Isabella Borg, Robert Borg, Grace Camilleri, Joseph Dunlop, Graziella Fenech, Marija Fenech, Agnes Sciclunа

**F'din il-paġna Audrey Chetcuti titkellem ma' nies differenti tal-BirdLife Malta MOS, li jkellmuna dwar is-sehem tagħhom fl-għaqda.**

# Niltaqgħu ma' *Charles Gauci*

**Jekk qatt mortu r-Riserva ta' l-Għadira żgur indunajtu bis-sbuħija naturali li taraw madwarkom. Naturalment biex iżżomm post bħal dan fi stat tajjeb, irid ikollok min jieħu ħsiebu. Illum se nitkellmu ma' Charles Gauci, il-bniedem responsabbli mir-Riserva ta' l-Għadira.**



Joe Sultana

Charles fl-element tiegħu: fuq il-mutur sejjer isaqqi siġar bil-għatx!

**Charles, kemm ilha teżisti r-riserva?**
L-MOS kienet ilha mill-1962 titlob lill-Gvern biex l-Għadira ssir riserva naturali - f'dak iż-żmien l-Għadira kienet tintuża bħala riserva tal-kaċċa! Fl-aħħar, fl-1978, l-Għadira ġiet dikjarata riserva naturali, u l-kaċċa fiha saret illegali. Ix-xogħol proprju beda f'Mejju 1980.

**X'xogħol sar fl-Għadira biex illum għandna post bħal dan?**
Wara li l-MOS ingħatat Lm25,000 mill-WWF (Worldwide Fund for Nature) għall-proġett, il-gvern aċċetta pjan magħmul minn espert Ingliż - Herbert Axell - ta' kif għandha ssir ir-riserva. Ix-xogħol bażiku sar fuq perjodu ta' tliet snin matul is-sajf. Tneħħiet kwantità kbira ta' ħamrija biex il-wiċċ ta' l-ilma jkun akbar, l-art tħaffret iżjed fil-fond biex iżżomm l-ilma s-sena kollha, inbnew numru ta' gżejjer, u tħaffer kanal madwarha. Wara, sar ħafna xogħol volontarju - l-iżjed taħwil ta' siġar u arbuxxelli.

**Charles, kemm ilek tieħu ħsieb l-Għadira u x'ħajrek?**
Tista' tgħid ili nieħu ħsieb ir-riserva sa mill-ħolqien tagħha. Fis-sjuf li fihom kien għaddej ix-xogħol kont ninżel kuljum ma' Herbert Axell, li kien jidderieġi x-xogħol. Wara ġejt inkarigat mill-MOS biex norganizza x-xogħol li kien meħtieġ isir mill-voluntiera. Fi Frar ta' l-1986, wara diversi talbiet mill-MOS, bdejt nagħmel xogħol ta' Managing Warden.

**Ix-xogħol tiegħek x'inhu?**
Ix-xogħol tiegħi huwa varju ħafna. Irrid mhux biss inżomm ir-riserva fi stat tajjeb, imma rrid ukoll nipprova dejjem intejjibha, kemm għall-għasafar kif ukoll għall-viżitaturi. Fost affarijiet li għamilt mill-1986 'l hawn nista' nsemmi l-passaġġ li jgħaddu minnu l-viżitaturi, l-iskrijn tal-qasab, ħawwilt mijiet ta' siġar, għamilt mixtla li fiha nkabbar is-siġar li niġu bżonn, tellajt rixtellu madwar il-kanal, u ħafna xogħol ieħor.



Joe Sultana

Xena riċenti ta' l-Għadira: innutaw kemm kibru s-siġar li saqqa Charles fir-ritratt ta' fuq!

**Kif tqassamha ġurnata xogħol?**
X'nagħmel matul il-ġurnata jiddependi miż-żmien tas-sena. Bejn Novembru u Mejju l-iżjed xogħol importanti hu dak li nagħmel mat-tfal ta' l-iskejjel. Grupp ta' 30 jaslu kuljum għad-9.30am. Dawn l-istudenti jqattgħu xi sagħtejn fir-riserva, fejn jitgħallmu dwar l-ekoloġija u l-ambjent naturali, u anke jaraw in-natura mill-qrib. Fix-xhur tas-sajf niżbor xi siġar u arbuxxelli biex ma jingħalqux il-passaġġi, naħdem fil-mixtla, naqta' xi siġar barranin (bħall-Akaċja u l-Ewkaliptu) u nħawwel flokhom siġar indiġeni, insaqqi s-siġar , nagħmel xi tiswijiet fl-iskrijn, manutenzjoni tal-ħajd u taċ-Ċentru eċċ.


Tiġieġa tal-Baħar

**Jekk wieħed jiġi s'hemm, x'jista' jara?**
X'għasafar tara fir-riserva jiddependi miż-żmien tas-sena. Matul ix-xitwa tara żgur il-Blonġos (black-necked grebe), it-Tiġieġ ta' l-Ilma (coot) u xi borok (ducks). Fir-rebbiegħa u l-ħarifa jkun hemm iżjed varjetà - Agretti Bojod (little egret), irsieset (herons) u diversi tipi ta' tajr tal-plajja (waders). Tiltaqa' żgur ukoll mal-kamalejont, u bi ftit paċenzja tara wkoll il-fenek salvaġġ.

**L-għasafar li jiġu fir-riserva tieħdu ħsiebhom u tagħtuhom x'jieklu?**
LE! Ħafna nies hekk jaħsbu. Fir-riserva hemm abbundanza ta' ikel: ħut, ħniex, dud, insetti, bebbux u arzell, pjanti (xi wħud ta' taħt l-ilma) bil-frott u ż-żrieragħ tagħhom. Fin-natura l-annimali kollha jafu jieħu ħsieb tagħhom infushom, u rari jkun hemm bżonn l-indħil tal-bniedem.

**Kemm trid tħallas biex tidħol fir-riserva?**
Id-dħul fir-riserva huwa b'xejn!

**Grazzi ħafna, Charles!**

Audrey

Monakella Imperjali




*"Il-Passa ta' l-Għasafar"*




Ktieb bil-kulur li jispjega l-miraklu tal-passa.

**Għalik b'xejn**

jekk iddaħħal membru ġdid fil-Klabb Ħuttaf!

Imla dil-formola u ibgħatha lil
**Daħħal Membru Ġdid Klabb Ħuttaf**
**BirdLife Malta MOS**
**POBox498 Valletta CMR01**

**IRNEXXIELI**

Dettalji tal-membru l-ġdid

Isem: ______________________

Indirizz: ______________________

______________________

Tel: ________ Data tat-twelid: ________

Dettalji tiegħi

Isem: ______________________

Membership number: [ ]

Ma' dil-formola għandek issib ċekk/postal order/bolli mhux użati b'valur ta' Lm1.

Jekk ma tridx tgħarraq il-magazin tista' tieħu fotokopja u tibgħat lilha




Norman Chetcuti




Norman Chetcuti